VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,001, 11 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 441 tal-2012

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2012 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2012 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 6).

Proprjetà assenjata.

Kap. 455.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skont l-artikolu 16 tal-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2013.

Deskrizzjoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(i) Sit fi Triq il-Port Ħieles, Birżebbugia reġistrata bħala proprjetà nru. E26749, tal-kejl ta' madwar 9,544 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' triq pubblika, kif delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.nru. 2012_518.

VERŻJONI ELETTRONIKA

